**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 428/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Rodrick Grech**

Illum 18 ta' April 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Rodrick Grech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 66776(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-12 ta' Jannar 2015 kif ukoll f'dawn l-aħħar ġimgħat, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u

l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentment emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) kif emendati;

4. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-

dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ bi ksur ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 3 u 5 tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985 kif ukoll Artikoli 120, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 22(1)(a) u (2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, sabitu ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu piena ta' seba' (7) xhur priġunerija kif ukoll multa ta' seba' mitt Euro (€700) li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50) fix-xahar b'dan illi f'każ li l-ħlas kien ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament kellu jsir fi żmien sena mid-data tas-sentenza u f'każ li l-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament

wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż fl-ammont ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€425.46) konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri li saru quddiemha u dana fi żmien sena mid-data tas-sentenza. Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Process Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell u* ***tirriforma*** *s-sentenza appellata kif ġej: (a)* ***tikkonfermaha*** *fil-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati u minnha illiberatu ċioè tat-tieni (2), t-tielet (3) u l-ħames (5) il-imputazzjoni, (b)* ***tħassarha u tirrevokaha*** *fil-parti fejn sabitu ħati ċioè l-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-liġi.* ***Alternattivament, u mingħajr preġudizzju****, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-22 ta' Jannar 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Ottubru 2022.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti sa fejn din illiberatu mit-tieni (2), mit-tielet (3) u mill-ħames (5) imputazzjoni u jitlob li jiġi liberat mill-ewwel (1) u mir-raba' (4) imputazzjoni. Alternattivament, l-appellant jitlob piena aktar ekwa.

Illi l-fatti tal-każ huma relattivament sempliċi b'dana illi fit-12 ta' Jannar 2015 waqt li l-Pulizija kienu fuq ronda f'Paceville raw lill-appellant jarmi xi ħaġa mdaqqsa li waqgħat fil-ġnien tal-lukanda Westin. Jingħad li meta l-Pulizija avviċinaw lill-appellant huwa nħasad u pprova jarmi xi ħaġa lejn id-direzzjoni tas-*security* ċertu Clifford Bugeja. Dan l-oġġett spiċċa ma' l-art u meta rawh il-Pulizija rriżulta li kienet kaxxa tas-sulfarini li fiha kien hemm ċertu pilloli. Sussegwentement saret tfittxija fuq il-persuna tal-appellant fejn fost affarijiet oħra nstab bott taċ-*chewing gum* li fih kien hemm żewġ qratas kokajina. L-appellant kellu wkoll fuqu somma flus. Wara dan saret tfittxija fil-vettura tal-appellant fejn instab bott taċ-*chewing gum* ieħor (din id-darba vojt) tal-istess ditta bħal dak li nstab fuq il-persuna tal-appellant. Saret ukoll tfittxija fid-dar tal-appellant fejn instabu xi boroż vojta li waqt il-proċeduri kriminali ġew analizzati u rriżulta li f'boroż kien hemm traċċi tad-droga kokajina. Waqt it-tfittxija nstab ukoll miżien.

Illi minn naħa tiegħu l-appellant allura imputat ċaħad li huwa jittraffika d-droga u jgħid li l-kaxxa sulfarini ma kinitx tiegħu u li l-bott taċ-*chewing gum* poġġielu xi ħadd ieħor minħabba li l-ġakketta tiegħu kienet tinsab fuq siġġu inkustodita fil-*club* li kien fih huwa.

Illi fl-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Iżda qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu ta' dan l-appell hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-

Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi neċessarji li jlaħħqu l-grad taċ-ċertezza morali mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad rikjest fil-kamp penali u li dana qed jingħad fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tiegħu li per konsegwenza jsostni hija *unsafe and unsatisfactory*.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li fl-aggravju *per se* l-appellant ma jispjegax ir-raġunijiet warajh. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant allura

imputat ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni *ossia* b'pussess aggravat ta' mediċina psikotropika u ristretta u ta' pussess sempliċi ta' kokajina rispettivament.

Illi rigward l-ewwel (1) imputazzjoni l-Ewwel Qorti serrħet fuq dak li qalu l-Pulizija fix-xiehda rispettiva mogħtija minnhom fejn kollha kkonfermaw li raw lill-appellant jarmi l-kaxxa tas-sulfarini mal-art liema kaxxa kien fiha l-pilloli tad-droga tat-tip MDMA. Rigward id-droga kokajina l-appellant jisħaq li dik li nstabet fil-ġakketta tiegħu setgħet tpoġġiet minn terz mhux magħruf u jgħid li huwa qatt ma kellu x'jaqsam magħha.

Illi din il-Qorti tibda billi tgħid li meta wieżnet dak li qal l-appellant mal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta punt fundamentali li ma huwiex qed jaqbel ma' dak li jgħid l-appellant. B'mod partikolari din il-Qorti tagħmel riferenza għal fatt li fil-boroż li nstabu fir-residenza tal-appellant kien hemm traċċi tad-droga kokajina. In vista tal-fatt li l-appellant dejjem ċaħad li huwa qatt ma għamel użu minn tali droga jsegwi li d-droga in kwistjoni kien qed jużaha għal xi ħaġa oħra.

Illi l-fatt li t-traċċi tad-droga li kien hemm fil-boroż li nstabu fid-dar tal-appellant ma kienux jaqblu mad-droga li nstabet fid-data tal-akkadut ma tantx iħasseb lil din il-Qorti. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li fl-ewwel lok it-test ma setax isir fuq il-boroż kollha (Dok. "GS 1" – *a fol.* 166 u 167) u fit-tieni lok huwa verosimili li l-appellant kiseb id-droga mingħand xi ħadd differenti jew minn *stock* differenti.

Illi iżda jekk wieħed iwarrab dak li ngħad hawn fuq, dak li huwa ċert huwa li l-appellant kien imdaħħal fis-suq tal-kokajina u għaldaqstant il-verżjoni tiegħu tnaqqas mill-kredibilita' waqt li l-possibilita' li d-droga li nstabet fil-ġakketta kienet tiegħu fil-fehma ta' din il-Qorti żżid fil-kredibilita'.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, l-ewwel aggravju hekk kif imressaq mill-appellant jistħoqqlu li jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant, filwaqt li jagħmel riferenza għal ġurisprudenza, jilmenta li mill-atti proċesswali tal-proċeduri kriminali, mal-ewwel daqqa t'għajn jirriżulta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta l-aqwa provi. Isemmi li l-Prosekuzzjoni setgħet tressaq provi aqwa u jirreferi għal *finger prints* fuq il-kaxxa tas-sulfarini u għal filmat tas-CCTV tad-diskoteka. Jilmenta wkoll li ma tressqitx il-prova reġina u ċioè Clifford Bugeja li minkejja li jissemma kellha tkun id-difiża li tressqu jixhed sitt snin wara li kien beda l-proċess, bir-riżultat li ftit kien jiftakar mill-każ u għalhekk fi kliem l-appellant wieħed ikollu dubji jekk il-Pulizija riedux ifittxu l-verita'.

Illi l-appellant jirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija minn PS 279 Kevin Gauci li jgħid li rah jarmi xi ħaġa imma ma kienx jaf x'rema. Jirreferi għax-xiehda ta' PC 538 Raymond Azzopardi li jgħid li kienu ilhom jaraw lill-appellant minn ferm qabel u rah jgħaddi xi ħaġa lil terz mingħajr ma' din it-terza persuna ma ġie mressaq jixhed. L-appellant jirreferi wkoll għax-xiehda ta' PC 454 Bugeja li jsemmi li rah (lill-appellant) igara siġġu minn naħa għal oħra u li ħareġ kaxxa sulfarini u waddab din il-kaxxa ġewwa stabbiliment. Jilmenta li dawn il-verżjonijiet ma jagħtux komfort sabiex tinstab il-ħtija. Jirreferi wkoll għall-eżami mwettaq mix-Xjenzat Godwin Sammut fejn l-analiżi komparattiva mwettqa rriżultat fin-negattiv. Għalhekk jisħaq li l-kokajina li nstabet fil-ġakketta tiegħu ma kinitx tiegħu.

Illi b'riferenza għas-sentenza appellata fejn allegatament tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li hu ma offra l-ebda spjegazzjoni, l-appellant jgħid li huwa ma setax jispjega xi ħaġa li ma seħħitx u dana b'mod speċjali meta jisħaq li l-Pulizija li xehdu ma kkorroborawx il-verżjonijiet tagħhom bl-ebda mod.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant seta' jitlob li jsir it-tqabbil tal-*fingerprints* fuq il-kaxxa tas-sulfarini iżda huwa qatt ma għamel tali talba. Apparti minn dan, din il-Qorti tinnota wkoll li l-Pulizija

kienu xhieda okulari u f'dan ir-rigward huma jistgħu jitqiesu bħala prova diretta ta' dak li ġara. Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita mill-verżjoni mogħtija mill-Pulizija li kienu preżenti meta ġie arrestat l-appellant. Xi skop seta' kellhom dawn il-Pulizija sabiex jigdbu fil-konfront tal-appellant? Apparti minn dan, l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni valida u/jew plawsibbli sabiex b'xi mod jew ieħor toskura l-verżjoni mogħtija minnhom.

Illi dwar l-allegati nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni ndikati mill-appellant, din Qorti tinnota li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha, kemm kontra kif ukoll a favur l-imputat, b'dan illi hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi suffiċjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1)

tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi applikat dak li ngħad hawn fuq, li din il-Qorti taqbel miegħu, għal każ odjern jirriżulta li għalkemm il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ġabritx il-filmat tas-*cctv* tal-*club* li quddiemu sar l-akkadut mhux punt feliċi, dan ma jwassalx sabiex jitwarrab dak li qalu l-Pulizija. Rigward ix-xhud Clifford Bugeja din il-Qorti ħadet l-impressjoni li dan ix-xhud kien retiċenti u li xejn ma ried jinvolvi ruħu fil-każ. Għalhekk il-valur li seta' kellu kien ferm limitat.

Illi rigward id-diskrepanzi bejn ix-xiehda tal-Pulizija, din il-Qorti qrat bir-reqqa l-verżjonijiet mogħtija mill-istess Pulizija u jidher biċ-ċar li l-verżjonijiet tagħhom huma simili ħafna għal dak li jirrigwarda l-fatti prinċipali. Id-differenzi li hemm huma fil-fehma ta' din il-Qorti affarijiet minimi li *se mai* juru li l-verżjoni mogħtija ma kinitx maqbula minn qabel u li proprju għalhekk tikseb aktar piż fil-kwadru probatorju kollu.

Illi rigward il-kwistjoni marbuta mal-fatt li l-kokajina li nstabet fil-bott taċ-*chewing gum* kienet kimikament differenti mit-traċċi li nstabu fid-dar tal-appellant, fil-fehma ta' din il-Qorti ma tfissirx li

tali droga ma kinitx tiegħu. Fil-kuntest tal-kwadru probatorju kollu dan il-fatt ifisser li d-droga fil-bott taċ-*chewing gum* kellha sors differenti.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha raġun tiddubita mill-verżjoni mogħtija mill-appellant anke rigward l-istorja tal-miżien. Il-verżjoni mogħtija mill-appellant fir-rigward tal-miżien ma tagħmilx sens u tiġi meruta minnu stess meta waqt ix-xiehda mogħtija minnu fit-3 ta' Mejju 2021 (*a fol.* 93 *et seq.*) huwa jgħid li l-persuna li biegħlu ċ-ċrieket kien ħadlu n-numru biex jiżen iċ-ċrieket huwa stess (*a fol.* 121).

Illi rigward il-motivazzjoni tas-sentenza appellata din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant li l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li huwa ma setax jispjega ċertu affarijiet. Bil-kontra l-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti hija raġunata u hija msejsa fuq il-fatti ppreżentati quddiemha. B'mod partikolari l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq ix-xiehda mogħtija mill-Pulizija waqt li ma emmnitx il-verżjoni mogħtija mill-appellant. Fl-aħħar mill-aħħar xhud wieħed jekk emmnut jikkostitwixxi prova valida.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-tieni aggravju jsegwi li dan l-aggravju għandu jkun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid li l-provi indizzjarji kollha jridu jippuntaw lejn direzzjoni waħda. Jirreferi għal provi indizzjarji ta' dan il-każ u jispjega li xi provi minnhom isibu użu fid-delizzju tiegħu tal-*bodybuilding* u li l-ġakketta kienet ilha fuq banketta għal żmien twil u li setgħu jaċċedu għaliha numru ta' nies. Rigward it-traċċi ta' droga li nstabu fil-boroż li kienu fid-dar tiegħu, l-appellant jgħid li dawn ma jistgħux iwasslu għal ħtija tiegħu stante li huwa kien iġorr is-*suppliments* u li kien jikkonsma dawn is-*suppliments* ix-xogħol. Rigward il-flus li kellu fuqu, l-appellant jispjega li huwa ma setax jiddepożita l-flus il-bank minħabba li kellu sekwestru u li dawn il-flus kienu l-paga tiegħu.

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-verżjoni mogħtija mill-appellant b'mod partikolari meta jgħid li xi provi ċirkostanzjali jippuntaw lejn id-delizzju tiegħu. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li l-boroż imqatta' bit-traċċi tad-droga kokajina ma għandhom xejn x'jaqsmu mad-delizzju tiegħu.

Illi rigward il-flus minkejja li l-appellant jgħid li huwa kien jagħmel xogħol ta' *taxi*, din il-Qorti issibha diffiċli li dawn il-flus kienu ġejjin biss mit-*taxi* li kien jopera l-appellant.

Illi rigward il-kwistjoni li l-appellant kellu sekwestru fuq il-kontijiet bankarji tiegħu, din il-Qorti tinnota li ma tressqet l-ebda prova rigward dan il-punt għalkemm kien sempliċi ħafna li din il-prova ssir.

Illi anke l-iskuża li jġib l-appellant meta jgħid li ma setax iħalli l-flus id-dar minħabba li kienet tmur il-mara tiegħu (li kien qed jissepara minnha) m'hijiex kredibbli. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li l-appellant stess jispjega li kien ilu żmien ma jara l-mara. Minbarra dan l-appellant dejjem seta' ipoġġi l-flus f'xi post imsakkar u ma kellux għalfejn iġorrhom fuqu. Għalhekk din il-Qorti hija aktar propensa temmen li dawn il-flus fil-fatt kienu tal-inqas in parte r-rikavat li ġej mid-drogi.

Illi din il-Qorti lanqas issib kredibbli l-iskuża miġjuba mill-appellant dwar il-ġakketta. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li ħadd ma seta' kellu raġuni sabiex ipoġġi d-droga fil-but tal-ġakketta tal-appellant u b'hekk jitlef id-dożi ta' droga li nstabu fuq l-appellant. Tajjeb wieħed ifakkar li dan kollu twieled mill-fatt li l-Pulizija raw lill-appellant jarmi fil-ġnien tal-lukanda Westin u mhux minħabba li għamlu xi tfittxija fil-*club* li kien jaħdem fih u allura seta' kien li xi ħadd ipprova jeħles mid-droga.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u konsegwentement anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. L-appellant jilmenta li t-trapass taż-żmien u dak li qalet l-Uffiċjal tal-*Probation* kellhom jingħataw aktar attenzjoni u li għalhekk dawn għandhom jimmilitaw favur temperament fil-piena.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha. Apparti minn dan, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni, fost l-oħrajn, is-*Social Inquiry Report* (Dok. "SB" – *a fol.* 132 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah K. Bezzina fil-konfront tal-appellant u kif ukoll il-fedina penali aġġornata tal-appellant hekk kif eżebita quddiem din il-Qorti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li wara li rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat fir-rigward ta' dak li ġie misjub ħati minnha, liema sejbien ta' ħtija ġie konfermat minn din il-Qorti, jirriżultalha li ma hemmx lok li jkun hemm temperament fil-piena u dana *stante* li piena ta' seba' (7) xhur priġunerija u multa ta' seba' mitt Euro (€700) (oltre spejjeż peritali) fir-rigward tal-imputazzjonijiet li l-appellant instab ħati tagħhom hija piena li la

hija żbaljata fil-prinċipju u lanqas manifestament eċċessiva. Għaldaqstant, anke r-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Rodrick Grech u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu hemm imsemmi għandu jibda għaddej mil-lum.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**